## IR-RABA’ ĦADD TAR-RANDAN
## “TEMMEN INT F’BIN IL-BNIEDEM?”

***Daħla:*** Fir-Raba’ Ħadd tar-Randan, niltaqgħu ma’ Ġesù jistqarr xi ħaġa stramba. L-ewwel jagħmel miraklu soprannaturali billi jfejjaq agħma minn twelidu. Imbagħad jistqarr li hu ġie biex jagħmel ħaqq, “biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma”! Kontinwament fir-Randan ikollna nikkonvertu meta nisimgħu l-Kelma ta’ Alla. Għall-mistoqsija: “Temmen int b’Bin il-Bniedem?” li jagħmel Ġesù, aħna x’se nwieġbu quddiem soċjetà li qed issir bla twemmin? Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** “Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem”. Alla ma jiġġudikax minn barra imma skont il-qalb.

***Responsorju tas-Salm:*** **Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**

***It-Tieni Qari:*** Sabiex ngħixu ta’ wlied id-dawl, neħtieġu nistenbħu mill-ħedla spiritwali u nfittxu kontinwament li nagħrfu r-rieda ta’ Alla fis-sitwazzjonijiet ta’ kuljum.

***Offertorju:****(X’ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Il-Mulej jitlob minna fiduċja sħiħa bħalma tlabna fis-Salm. Għalhekk waqt l-Offertorju, ejjew noffru l-Mulej lil ħajjitna kollha u nintelqu f’idejh. Inkantaw flimkien….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta’ Kristu, l-animatur igħid)*
Waqt it-Tqarbina, ejjew inħallu lil Ġesù jkompli l-fejqan li beda bis-smiegħ tal-Kelma ta’ Alla. Inħalluh jagħtina d-Dawl tiegħu. Inkantaw flimkien….

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Nirringrazzjaw lil Missierna li tana lil Ibnu Ġesù bħala d-Dawl għal ħajjitna. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

***Kant tal-Għeluq…***